6 ta' Diċembru 2017
105/2017

**STQARRIJA MILL-KUMMISSJONI AMBJENT DWAR VILLA SAN INJAZJU F'SAN ĠILJAN**

Il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) għal darb'oħra tħeġġeġ lill-awtoritajiet jieħdu l-miżuri kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex ma jħallux il-ġenn li nibnu akkost ta' kollox ikompli jagħmina, hekk li nħarbtu saħansitra dak li jagħtina identità ta' poplu. Għall-kuntrarju, jeħtieġ naħdmu biex nippreservaw il-wirt arkitettoniku mill-ferneżija ta' twaqqiegħ ta' bini, u mill-konverżjoni ta' bini eżistenti f'appartamenti, li wliedna jridu jissallbu biex jikru jew jixtru, bi gwadann għall-ispekulaturi. Din il-ferneżija qed twassal biex titmermer il-fibra soċjali u narmu l-wirt prezzjuż kollu li ħallewlna missirijietna.

Il-KA għal darb'oħra tinnota b'dispjaċir li beda t-twaqqiegħ ta' binja ta' valur: Villa San Injazju, f'San Ġiljan.

Il-valur ta' din il-villa huwa għoli ħafna. Minkejja l-interventi li saru matul is-snin, l-arkitettura tagħha għadha, tista' tgħid, dik oriġinali. Barra minn dan, Villa San Injazju hija l-eqdem binja ta' kalibru li qatt inbniet fl-inħawi tal-Balluta, saħansitra eqdem mill-ewwel knisja tal-lokal. Ta' min isemmi wkoll l-importanza li għandha mill-aspett storiku, fost kollox minħabba r-rabta li għandha ma' nies li taw sehem importanti fl-istorja ta' pajjiżna.

Għaldaqstant il-KA tixtieq tingħaqad mal-NGO Din l-Art Ħelwa fl-appell li qed tagħmel biex din il-villa tiġi skedata.

Inħeġġu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaġixxu qabel ikun tard wisq. Sakemm każijiet bħal dan jibqgħu għaddejjin u min hu responsabbli ma jieħu ebda azzjoni bil-fatti, wieħed ikollu raġun jaħseb li fl-industrija tal-kostruzzjoni abbużi simili huma aċċettati (fil-fatt għadha ma ħarġet l-ebda kundanna minn dak is-settur). Minbarra dan, sitwazzjonijiet simili jinkoraġixxu lil ħaddieħor jagħmel l-istess, bil-konsegwenza li pajjiżna jkompli jitlef mill-wirt arkitettoniku tiegħu, bl-iskuża li din l-industrija qed tmexxi l-iżvilupp ta' Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**